MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 237/2008

**Il-Pulizija**
**(Supt. S. Tanti)**
**Vs**
**Frank Cachia**
**Michael Ciappara**
**Mario Ciappara**
**Anthony Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer, mill-fond Maximus, li jinstab fi Triq il-Fliegu, Bugibba, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi f'Malta, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih

hemm il-piena ta' prigunerija w cioe' ghenu jew assistew lil persuni ohra fiz-zamma ta' burdell fil-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il- Fliegu, Bugibba;

2. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor, jew ta' xi parti minnhom u cioe' il-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, li huma frekwentati jew maghduda bhala li huma frekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

Lil **Frank Cachia u Michael Ciappara** wahidhom:

1. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, hallew jew ippermettew hanut, allogg, lukanda jew appartament privat, jew xi parti taghhom u cioe' il-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, jigi uzat bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

2. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, gewwa il-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, impjegaw jew taw xoghol lill-persuni li ma kinux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol u cioe' taw impjieg lil Gabriela Chiriac, Nicoleta Spadaru, Elena Petronela Dascalu w Gabriela Stingaciu, kollha ta' nazzjonalita' Rumena;

3. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala l-principali jew il-persuni li jimpjegaw persuni ohra, full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dawn l-impjiegi kif hemm fl-Avviz Legali 110/1993;

4. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, iggestew il-fond 'Maximus' sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, bhala post kummercjali minghajr il-licenzja tal-Awtorita' kompetenti;

5. fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi, fil-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il- Fliegu, Bugibba, bhala

persuni li jiggestixxu l-fond ‘Maximus’, ippermettew lil Raymond Micallef biex jaghmilha bhala substitute minghajr il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, impjegaw, haddmu, jew ippermettew l- uzu ta’ servizzi ta’ gwardjani privati, u cioe’ haddmu lil Anthony Azzopardi bhala gwardjan privat minghajr licenzja skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar Gwardjani Privati w Lokali.

Lil **Anthony Azzopardi wahdu** talli:

1. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, hadem bhala agenzija ta’ gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew offra s-servizzi tieghu fil-fond ‘Maximus’ sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, minghajr ma kellu licenzja skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar Gwardjani Privati w Lokali.

Lil **Frank Cachia wahdu** talli:

1. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, kkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fit-2 ta’ April, 2003, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Lulju, 2008, li biha, lliberat lil Mario Ciappara, Mario Cachia, Michael Cachia w Frank Cachia mill-ewwel zewg akkuzi, fejn jinsabu akkuzati flimkien; illiberat lil Frank Cachia w Michael Ciappara mill-ewwel u l-hames akkuza fejn gew akkuzati wahedhom u sabithom hatja tat-tieni, t-tielet, ir-raba’ w is-sitt akkuza; sabet lil Anthony Azzopardi wahdu hati tal-akkuza li hadem bhala gwardjan privat minghajr ma kellu licenzja, w illiberat ukoll lil Frank Cachia mill-ahhar akkuza, cioe’ dik ta’ ksur ta’ sentenza sospiza peress li ma gietx pruvata w illiberatu mill-effetti taghha w, fil-konfront ta’ Frank Cachia w Michael Ciappara wara li sabet htija ai termini ta’ l-artikoli [recte : regolamenti] 3, 4, 7 ta’ l-Avviz Legali 110-1993 u l-artikolu 4 u 25 tal-Kapitolu 389 u l-artikolu 2, 18, 43 tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta’

Malta, kkundannathom ghal multa ta’ hamest elef Euro (€ 5000), u wara li sabet htija wkoll fil-konfront ta’ Anthony Azzopardi, ai termini ta’ l-artikolu 3, 25 tal-Kapitolu 389, ikkundannatu ghal multa ta’ elf, mija tnejn u tmenin Euro (€ 1182).

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta’ Lulju 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellati hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontrihom u l-pieni inflitti fuqhom, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat u ma sabitx htija ta’ Frank Cachia u Michael Ciappara tal-hames akkuza migjuba kontrihom wahedhom, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx htija w illiberat lil Frank Cachia ta’ l-akkuza migjuba kontrih biss, tirrevokaha f’dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lil Frank Cachia, Michael Ciappara, Mario Ciappara w Anthony Azzopardi taz-zewg akkuzi migjuba kontrihom kollha w minflok, wara li tisma’ l-provi dwar il-kaz, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi, tirrevokaha f’dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lil Frank Cachia w Michael Ciappara ta’ l-ewwel akkuza migjuba kontrihom biss u minflok, wara li tisma’ l-provi dwar il-kaz, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi w tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Dan hu provvediment dwar kwistjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem sollevata waqt it-trattazzjoni tal-appell tal-Avukat Generali (Nru. 237/2008) f' din il-kawza li maghha huma konnessi wkoll l-appelli ntavolati minn Frank Cachia (Appell Nru. 227/2008) u minn Michael Ciappara (Appell nru. 230/2008).

Fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2008, tal-appell tal-Avukat Generali fejn, *inter alia*, qed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellati Frank Cachia, Michael Ciappara, Mario Ciappara

w Anthony Azzopardi mill-ewwel imputazzjoni ta' assocjazzjoni bil-ghan li jaghmlu delitt u cioe' li ghenu jew assistew lil persuni ohra fiz-zamma ta' burdell fil-fond "Maximus", f' Bugibba kif ukoll mit-tieni imputazzjoni li zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma frekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, kif ukoll fejn illiberat lil Frank Cachia w Michael Ciappara mill-ewwel akkuza li kellhom wahedhom u cioe' li hallew jew ippermettew hanut, allogg, lukanda jew appartament privat, jew xi parti taghhom jigi uzat bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, d-difiza ssollevat il-punt li fejn si tratta ta' x' inhuma w x' mhumiex "skopijiet immorali" hemm *"uncertainty of the law"* li tpoggi lill-gudikant f' sitwazzjoni impossibbli sabiex jiddeciedi jekk l-atti inkriminati humiex atti immorali jew le ghall-fini tal-ligi.

Il-bank tad-difiza tal-appellati ghalhekk ivverbalizza li kienu qed jitolbu li ssir referenza kostituzzjonali ghal din ir-raguni.

Dr. Nadine Sant u Dr. Lara Lanfranco, ghall-prosekuzzjoni, rrimettew ruhom dwar it-talba ghar-referenza kostituzzjonali li saret mid-difiza billi hu opportun li fuq dan il-punt ikun hemm pronunzjament definittiv tal-oghla Qorti tal-pajjiz.

Din il-Qorti ghalhekk kienet iddifferiet l-appelli kollha ghas-seduta tal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tad-difiza biex issir referenza kostituzzjonali u/jew ghat-trattazzjoni finali, jekk ikun il-kaz.

Ikkonsidrat;

Illi minn ezami akkurat tas-sentenza appellata, biss ghall-fini ta' dan il-provvediment, jidher li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellati minn dawn l-imputazzjonijiet fuq imsemmija fuq konsiderazzjonijiet minnha maghmula w cioe' li ma rrizultawx atti ta' prostituzzjoni "*per se*" ghax ma kienx hemm kuntatt bejn it-tfajliet u l-klienti li jasal sa pratikar ta'

sess w li l-atti li rrizultaw li saru, bhal *"pole dancing"* u *"topless dancing"* u *"strip tease"* fi kmamar privati, a xelta tal-klienti li riedu jarawh, ma kienux atti immorali. Qalet ukoll li dan is-suggett qatt ma kellu jkun kriterju (Sic!) ta' *"test case"* pero' wiehed li l-legislatur ghandu jiccara. Ghaldaqstant illiberat kif fuq intqal.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni, l-Prosekuzzjoni rriferiet ghas-sentenza tal-Qorti Civili, Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-atti tar-Referenza Kostituzzjonali numru 12/2007, fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Lorainne Falzon."** tat-28 ta' Marzu, 2008, fejn *"inter alia"* kien gie deciz li:-

"*.l-ahhar parti ta' l-artikolu 338(q) tal-Kap. 9 ghandha tigi interpretata fid-dawl ta' l-ewwel parti tal-istess artikolu " u "li mara tkun gharwiena hlief ghal-qalziet (topless) mhux meqjus fis-socjeta' Maltija bhala ilbies xieraq kif inhi l-ligi llum. Hu ghalhekk ukoll li dan l-artikolu m'ghandux jinqara* in vacuo *izda ghandu jinqara u jiftiehem fil-kuntest ta' ordni pubblika vigenti f' Malta."*

u, a bazi ta' din is-sentenza, l-Prosekuzzjoni argumentat li allura l-fatt li kien hemm nisa liebsin *topless* jew b' xejn fil-lokal Maximus kien jaqa' fid-definizzjoni ta' *"skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali".*

Mill-banda l-ohra d-difiza tal-appellati, apparti li dik is-sentenza kienet tirrigwarda interpretazzjoni ta' artikolu ghal kollox differenti tal-ligi w cioe' tal-kontravvenzjoni ta' ilbies mhux xieraq taht il-Kodici Kriminali, osservat li dik is-sentenza ma gietx appellata quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, fejn setghet tinghata interpretazzjoni differenti. Ghalhekk xorta wahda baqghet tinsisti ghar-referenza kostituzzjonali f' dan il-kaz.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jghid is-segwenti:-

“(i) No one shall be guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a

criminal offence under national or international law at the time when it was committed.”

Li dan l-artikolu gie fil-gurisprudenza estiz li jfisser li :-

(i) huwa projbit li persuna tigi akkuzata b’ reat meta fil-mument meta hija ikkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta ghal reat, i.e. retroactive application of a criminal offence;
(ii) persuna tista’ titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att; u li
(iii) isegwi illi sabiex tkun taf jekk l-azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli w cara, i.e. *“legal certainty.”*

(ara s-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kawzi-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawzi “**Kokkinakis vs.Greece**”[ 25.5.1993] u **“Achour vs. France**” [26.3.2006].**“CR v. UK [**2.11.2005] fost ohrajn.)

Ikkonsidrat;

Illi kif l-Ewwel Qorti uriet il-fehma taghha, din il-Qorti, kif preseduta, indubbjament ghandha wkoll l-fehma taghha dwar jekk l-atti fuq imsemmija humiex atti kommessi ghal skopijiet immorali, imma din il-fehma mhux opportun li tesprimiha f' dan l-istadju tal-proceduri li huma intizi biex jiddeciedu biss dwar it-talba ghal riferenza kostitruzzjonali.

Pero', hi x' inhi l-fehma tal-gudikant individwali, fl-assenza ta’ dispozizzjoni cara u tonda x’ jista u x’ ma jistax jammonta ghal "skopijiet immorali" din il-Qorti tifhem li din il-kwistjoni tista' koncepibbilment tibqa’ wahda soggettiva ghall-ahhar u apparti mill-fatturi ta’ post u hin u cirkostanzi, tiddependi mill-*forma mentis* ossia l-*make up* psikologiku w morali w l-ottika tal-gudikant partikolari. Jista' jkun hemm kazijiet ta’ cirkostanzi li f' mohh gudikant jammontaw ghal atti maghmula ghal skop immorali li pero' jkunu inqas ovvji ghall-gudikanti ohrajn. Dan hu l-pern tal-kwistjoni odjerna.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma thossx li tista' tiddisponi minn din il-kwistjoni semplicement billi tiddikjaraha bhala wahda *"frivola jew vessatorja",*

Illi l-Art. 46 (3) Tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (3) ta' l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319) jipprovdu li jekk f'xi proceduri f' xi Qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l- artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; w dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu w l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Ghalhekk, rinfaccjata b' din il-pregudizzjali sollevata mill-appellati w t-talba biex din il-Qorti tirriferixxi l-kwistjoni lill-Qorti Civili, Prim' Awla, (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) din il-Qorti ser ikollha, a tenur tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni, w l-artikolu 4 (3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), tibghat, kif qed tibghat, il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) biex taghti d-decizjoni taghha fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-appellati fil-kors tat-trattazzjoni orali tal-appell tal-Avukat Generali tat-13 ta' Novembru, 2008 bil-verbal registrat fl-istess udjenza w dana skond il-ligi w tiddifferixxi l-kawza, inkluzi l-appelli ta' Frank Cachia w Michael Ciappara "*sine die*", sakemm ikun hemm ezitu definittiv fil-proceduri li ser isiru b' konsegwenza ta' din ir-referenza kostituzzjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------